MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Ġunju, 2003

Antonia Micallef
vs
Paradise Bay Hotel Limited skond korrezzjoni awtorizzata fid-19 ta' Frar 1997

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-attrici kienet involuta f'incident li sehh fis-16 ta' Novembru 1994 waqt li kienet fuq xoghol fil-Paradise Bay Hotel fic-Cirkewwa.

Peress illi b'rizultat dirett ta' l-istess incident l-attrici sofriet danni konsistenti primarjament mill-lezjonijet u debilita` personali ta' natura gravi u permanenti minn spejjez ta' kura u medicinali, u minn telf ta' qliegh mix-xoghol.

U peress illi s-socjeta` konvenuta hija unikament responsabbli ghall-incident ilmentat stante li bl-aktar mod traskurat u negligenti l-istess socjeta` konvenuta naqset illi taghmel avviz adegwat li jindika l-presenza ta’ zlieq fuq l-art, kif kellu jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U peress illi ghalkemm l-attrici interpellat diversi drabi lis-socjeta` konvenuta sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u l-eventwali hlas tad-danni lilha kkagunati l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attrici fis-16 ta’ Novembru 1994 waqt li hija kienet fuq xoghol fil-Paradise Bay Hotel, fic-Cirkewwa.

2. Tiddikjara li b’rizultat dirett tal-imsemmi incident l-attrici soffriet danni konsistenti primarjament mill-lezjonijiet u debilita` personali ta’ natura gravi u permanenti, minn spejjez ta’ kura u medicinali, u minn telf ta’ qliegh mix-xoghol.

3. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attrici occorendo periti nominandi.

4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attrici dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-19 ta’ Dicembru 1995 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-hlas eventwali – kollha kontra s-socjeta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhiedaprezentati mill-attrici.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li eccepiet:

1. Illi t-talba tal-attrici hija kompletament infondata billi l-incident imsemmi fic-citazzjoni ma garax b’xi tort jew nuqqas tas-socjeta` konvenuta u ghalhekk l-istess talba ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.
Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**
Rat il-verbal tad-19 ta’ Frar 1997 li permezz tieghu gie nominat il-Perit Joseph Jaccarini u l-Kirurgu Perit Mediku Charles Grixti biex jirrelataw dwar it-talba attrici u l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta.

Rat ir-rapport tal-Professur Grixti li fih semma li l-attrici xehdet li fis-16 ta’ Novembru 1994 izzerzqet hdejn il-pool waqt li kienet qed tahdem fil-Paradise Bay Hotel u li kif waqghet wegghet spallitha l-leminija. Kellha taghmel diversi ezamijiet, tmur l-isptar u kura. Sostniet li qeghda ssofri minn ugiegh fuq in-naha ta’ quddiem ta’ l-ispalla l-leminija u jibqa’ tiela’ l-fuq, fuq in-naha tal-lemin ta’ ghonqa. Skond l-istess rapport tal-Professur Grixti Antonia Micallef garrbet hsara fil-kapsula u l-ligamenti ta’ spallitha l-leminija fl-incident li halliha b’ ugiegh fl-ispalla kif ukoll limitazzjoni ta’ moviment u minhabba f’ hekk anke ssib diffikulta` f’ xoghla li huwa dak li tnaddaf il-kmamar u s-sodod. Ikkalkula d-dizabilita` permanenti li ghandha minhabba dan l-incident ta’ 6%.

Il-Perit Jaccarini fir-rapport peritali tieghu ikkonkluda li:

“L-attrici fit-talbiet taghha fic-citazzjoni riedet li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident li sofriet hi fis-16 ta’ Novembru 1994 waqt li kienet fuq xogholha fil-Paradise Bay Hotel. Din it-talba ma tista’ qatt tigi konsiderata ghaliex l-istess attrici bhala supervisor kellha d-dover li

tara li incident bhal dak li gralha ma jirrekax lil hadd u kellha ghalhekk taghmel l-ghalmu taghha biex tali incident ma jsehhx. Jidher li l-attrici d-dover taghha ma ghamlitux ghaliex kieku ghamlet dan, hija kienet tara li kien ikun hemm l-avviz konsistenti fil-“warning cones” u toqghod attenta mhux ghaliha biss izda ghal min seta’ jaghmel uzu mill-parti tal-Lukanda fejn kien qed isir il-hasil biex kwalunkwe incident ma jokkorix. Dan ma jfissirx li l-incident ma setax sar minkejja l-prekawzjonijiet kollha li l-attrici kellha tiehu, izda kieku sar incident bhal dak li esperjenzat l-attrici, ma kien ikun hemm hadd li seta jakkuza lis-socjeta` konvenuta li ma haddietx dawk il-passi kollha li kienu mehtiega biex l-incident ma jsirx. Fuq kollox l-attrici kienet parti mill-Management tal-Lukanda u ghalhekk wiehed jista’ jghid li t-talba taghha hija kontra taghha stess ghax fuq kollox kienet hi, membru tal-Housing Administration, kif gie ndikat lilha fl-ittra li kienet intbaghtitilha qabel ma bdiet bil-probation period. Kellha l-obbligu li tiehu dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex incident bhal dak li garbet l-attrici ma jigrix, izda ma ghamlitx dak li kien fid-dover li taghmel. Kieku ttiehdu dawk il-passi li bihom l-incident seta’ gie evitat, iz-zelqa ta’ l-attrici ma kenitx setghet tintefa’ fuq xi responsabbilita` ta’ hadd u dan ghas-semplici raguni li kwalunkwe prekawzjoni kienet tkun ittiehdet u l-incident kien biss jitqies bhala wiehed infortun bil-probabbilita` ta’ okkorenza kwazi inezistenti. Ghalhekk l-ewwel talba ta’ l-attrici ghandha tigi michuda.”

**KONKLUZJONIJIET:**

Din il-Qorti taqbel perfettament mal-konkluzjonijiet moghtija mill-Perit Jaccarini. Infatti l-ewwel talba attrici tirrigwarda d-dikjarazzjoni li s-socjeta` konvenuta hi unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attrici fis-16 ta’ Novembru 1994 waqt li hi kienet fuq xoghol fil-Paradise Bay Hotel ic-Cirkewwa. L-attrici kienet tahdem bhala supervisor u kellha r-responsabbilta` li tara li l-haddiema ta’ tahtha jahdmu kif suppost inkluz li jpoggu l-warning cones meta l-art tkun imxarrba u tizloq. Tant kemm ma ghamlitx xogholha li effettivament kienet hi stess li zelqet u korriet. Il-fatt li skond il-Professur Grixti l-attrici batiet 6% disability ma jinfluwenzax fuq ir-

responsabbilta` tal-incident ghax kien propju l-agir tal-istess attrici li kkawza l-incident. Meta s-socjeta` konvenuta impjegat nies fosthom propju lill-attrici biex ix-xoghol isir sewwa u mhux haddiema joqghodu jitnikkru jew jiehdu t-te` waqt hin ix-xoghol kienet propju qeghda tahdem kif suppost u biex tevita li jigru incidenti. Bhala parti mill-Housing Administration kien jinkombi fuq l-attrici li tara li kollox qed isir kif suppost u b' hekk l-incident kien jigi evitat. Il-Qorti thoss li r-responsabbilta` tal-incident hija unikament tal-attrici.

Huwa veru li d-debilita` li sofriet l-attrici kien kawza tal-imsemmi incident izda dan ma jfissirx li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghal tali incident kif ghadu kif issemma fil-paragrafu precedenti ghax kien propju l-agir tal-attrici li wassal ghall-incident.

Ghalhekk it-talbiet l-ohra u cioe` likwidazzjoni ta' danni u kundanna hlas m'hemmx lok aktar ghal ezami ulterjuri taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta` intimata li t-talba attrici hija infondata minhabba li l-incident ma garax b' xi tort jew nuqqas tas-socjeta` intimata.

Spejjez kontra l-attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------